# Il-Qniepen tal-Parroċċa San Filep ta' Agira

## Tagħrif mill-ktieb – Storja ta' Ħaż-Żebbuġ ta' Luret Vella

**Tagħrif miġbur minn Carmelo Borg**
*Sagristan tal-Knisja Parrokkjali San Filep*



Iż-żmien li fih saret il-vista ta' Mons. Duzzina il-Knisja ta' Ħaż-Żebbuġ kellha kampnar li kien fih qanpiena waħda. Dam hekk sal-1612 meta żiedu qanpiena oħra u din kienet l-aħħar biċċa xogħol li saret fi żmien il-Kappillan Dun Federik Attard.

Iż-żieda tal-korsija ta' żewġ artali dak tal-Madonna tal-Karmnu u lil San Ġużepp kif ukoll tal-faċċata tlestew żewġ kampnari fis-sena 1655. Fis-sena 1658 il-Kappillan Dun Salv Muscat ħa ħsieb jagħmel ħaġa li għal dak iż-żmien kienet meħtieġa ħafna.

Qiegħed ngħid għall-arloġġ li nħadem minn Ġakbu Attard u tqiegħed fil-kampnar tal-lemin (mela tħares lejn il-faċċata tal-Knisja). Dan sew b'kollox 148 skud. Fl-istess ħin saret qanpiena. Din l-aħħar qanpiena kienet tiżen sitt qnatar u 78 ratal. Fil-fundatur tal-qanpiena kien Pudron Colaci u tħallas bid-disa' rbgħajjar r-ratal. Il-magna tal-arloġġ inħadmet mill-ġdid minn Mikielanġ Sapiano fl-1882 u għada hemm sal-lum.

Il-qanpiena l-kbira tal-Knista ta' San Filep, kienet ordnata Ġenova fl-1750 u qamet 3880 skud. Iżda ftit wara li tellgħuha ġġenglet (tilfet it-ton) u għalhekk niżżluha u tawha lill-fundatur hawn Malta biex idewwibha mill-ġdid. Dan kien Buchiet u fil-ħanut tiegħu mar l-Isqof jikkonsagraha.

Il-qanpiena tal-arloġġ – it-tieni waħda fid-daqs minn dawk li hemm fil-Knisja Arċipretali, saret fis-sena 1772 kien ħallasha l-Baruni Filippu Azzopardi li kellu l-artal ta' San Ġużepp.

Iż-żgħira tal-kwarti fiha l-emblema tal-familja Azzopardi wkoll. Iżda kienu ħadu wkoll il-bronż tal-qanpiena l-qadima li kien hemm fl-istess kampnar li kienet saret fl-1658 li fuqha ktibna aktar 'il fuq.



Fis-sena 1811 iddewbu żewġ qniepen u saru mill-ġdid u dawn huma magħrufin bħala "il-Ġdida" u "tal-Mewt".

Fi żmien Dun Saver Vassallo Arċipriet għax issa Ħaż-Żebbuġ, saret parroċċa Arċipretali bil-bolla tal-Papa li ġġib id-data tat-8 ta' Ġunju 1829, saret il-qanpiena ż-żgħira magħrufa bħala ċ-ċenċiela. Qamet biss 72 skud. Issa din qiegħda fil-kampnar tal-arloġġ faċċata tal-qanpiena tal-kwarti. (Dan sar fl-2010 mar-restawrar tal-faċċata tal-Knisja).

Il-qanpiena tas-Santus li nħadmet Ġenova fis-sena 1856, ħallasha l-Arċipriet Dun Tumas Naudi bil-koperazzjoni tal-Prokuraturi l-ora tal-parroċċa.

Patrimonju Reliġjuż